Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11083 — KBR / SUN CAPITAL / HOMESAFE JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 141/06)

1. Fl-14 ta' April 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KBR Services, LLC ("KBR Services", l-Istati Uniti tal-Amerka) ikkontrollata minn Kellogg Brown & Root Services, Inc. ("KBR", l-Istati Uniti tal-Amerka).

— Tier One Relocation, LLC ("T.O.", l-Istati Uniti tal-Amerka) ikkontrollata minn Sun Capital Partners, Inc. ("Sun Capital", l-Istati Uniti tal-Amerka).

KBR Services u T.O. se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' HomeSafe Alliance, LLC ("HomeSafe", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— KBR Services toffri varjetà ta' servizzi loġistiċi lill-klijenti tal-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka. Hija kkontrollata minn KBR li tipprovdi soluzzjonijiet komprensivi tax-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija lill-gvernijiet u lill-klijenti kummerċjali madwar id-dinja.

— T.O. tispeċjalizza f'servizzi ta' ċaqliq ta' djar bieb bieb għall-militar. Hija kkontrollata minn Sun Capital, ditta ta' investiment privata ffukata fuq ix-xiri b'lieva finanzjarja, l-ekwità, id-dejn u investimenti oħra f'diversi industriji madwar id-dinja.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża fil-mira huma li ġejjin: moviment ta' oġġetti tad-dar għall-membri tal-militar tal-Istati Uniti tal-Amerka u impjegati tal-gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11083 — KBR / SUN CAPITAL / HOMESAFE JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË